Australian Government

BE COVIDSAFE

# COVID-19: Nidentifikaw is-Sintomi

| Sintomi | COVID-19<br>Is-Sintomi jvarjaw minn ħfif għal severi | Riħ Komuni<br>Bidu tas-sintomi bil-mod | Influwenza<br>Bidu tas-sintomi f'daqqa waħda | Allerġiji*<br>Is-sintomi jistgħu jidhru f'daqqa waħda jew bil-mod |
|---|---|---|---|---|
| **Deni** | Komuni | Rari | Komuni | Le |
| **Sogħla** | Komuni | Komuni | Komuni | Komuni (ażma) |
| **Uġigħ fil-griżmejn** | Kultant | Komuni | Kultant | Kultant (Ħakk fil-griżmejn u l-palat) |
| **Qtugħ ta' nifs** | Kultant | Le | Le | Komuni (ażma) |
| **Għeja kbira** | Kultant | Kultant | Komuni | Kultant |
| **Tbatija u Wġigħ** | Kultant | Le | Komuni | Le |
| **Uġigħ ta' ras** | Kultant | Komuni | Komuni | Kultant |
| **Imnieħer Jnixxi jew Misdud** | Kultant | Komuni | Kultant | Komuni |
| **Dijarea** | Rari | Le | Kultant, speċjalment fit-tfal | Le |
| **Għatis** | Le | Komuni | Le | Komuni |

*Adattat minn materjal prodott minn WHO (L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa), Ċentri għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard tal-US (L-Istati Uniti), u l-Akkademja ta' l-Allerġiji, l-Ażma u Immunoloġija ta' l-Amerika.*

** L-allerġiji respiratorji jinkludu rinite allerġika (deni tal-ħuxlief - hay fever), u ażma allerġika. Sintomi komuni oħra ta' deni tal-ħuxlief jinkludu ħakk fl-imnieħer u għajnejn jikluk u jdemmaw. Huwa diffiċli ħafna li ssir distinzjoni bejn is-sintomi ta' COVID-19, l-influwenza u riħ komuni. Jekk għandek xi sintomi infettivi jew respiratorji (bħal uġigħ fil-griżmejn, uġigħ ta' ras, deni, qtugħ ta' nifs, uġigħ fil-muskoli, sogħla jew imnieħer inixxi) tmurx għax-xogħol. Inti għandek tiżola lilek innifsek u tiġi assessjat minn professjonist mediku. Jista' jkollok bżonn tiġi ttestjat għal COVID-19. M'għandekx terġa' lura għax-xogħol sakemm tkun approvat minn professjonist mediku. Trid tiżgura li n-nies li qed tieħu ħsieb ikunu protetti u siguri. Nies li għandhom sintomi ta' allerġija respiratorja bħal rinite allerġika (deni tal-ħuxlief) u ażma allerġika għandhom jibqgħu d-dar u jiġu ttestjati għal COVID-19 fil-bidu tas-sintomi tagħhom u jekk jesperjenzaw sintomi mhux mistennija, jidhru differenti jew agħar mis-soltu, jew jekk ma jirrispondux għall-medikazzjoni tas-soltu tagħhom.*

Għal aktar informazzjoni dwar il-**Coronavirus (COVID-19)** żur **health.gov.au**
Żur il-wbsajt www.**health.gov.au/resources/translated** jew għal servizzi ta' traduzzjoni u interpretar ċempel **131 450**.

DTDT0001045